

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Najvyšší súd Slovenskej republiky (ir-Repubblika Slovakkja) fil-21 ta' Ottubru 2010 — Tanoarch s.r.o. vs Daňové riaditeľstvo Slovenskej republiky

(Kawża C-504/10)

(2011/C 46/02)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Najvyšší súd Slovenskej republiky

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tanoarch s.r.o.

Konvenut: Daňové riaditeľstvo Slovenskej republiky

Domandi preliminari

(1) Id-dispożizzjoni li tippermetti lill-persuna taxxabli li tnaqqas, mit-taxxa dovuta, it-taxxa fuq l-oġġetti u s-servizzi li hija tuża għall-ħtiġijiet tal-impriża tagħha bħala persuna taxxabli hija konformi mal-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE⁽¹⁾, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima jekk it-taxxa hija imposta fuqha minn persuna taxxabli oħra, għal oġġetti u għal servizzi li huma, jew għandhom jiġu, ipprovduti lill-persuna taxxabli, u jekk ir-rikorrenti, bħala koapplikant fir-rigward tal-invenzjoni li għadha ma nġatatax privattiva, għandha diġà d-dritt *ex lege* li tuża b'mod indipendenti l-invenzjoni li hija s-suġġett tal-privattiva fil-globalità tagħha?

(2) Is-Sitt Direttiva tista' tiġi interpretata fis-sens li d-dritt diġà eżistenti tal-persuna taxxabli, stabbilit bil-liġi, għal użu awtonomu tal-privattiva jirriżulta f'impossibbiltà legali li

jintuża s-servizz għall-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi bħala persuna taxxabli u li, b'dan il-mod, is-servizz akkwistat ġie legalment eżawrit?

(3) Il-fatt li, f'din il-kawża, l-invenzjoni għadha ma ġietx irreġistrata bħala privattiva u li partijiet minnha biss huma ttrasferiti għandu wkoll effett fuq l-abbuż tad-dritt tal-persuna taxxabli li tnaqqas il-VAT tal-input imħallsa skont tas-sentenza tal-21 ta' Frar 2002, Halifax, mogħtija fil-Kawża C-255/02?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

Appell ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2010 minn Stichting Al-Aqsa kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tad-9 ta' Settembru 2010 fil-Kawża T-348/07 — Al-Aqsa vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-539/10 P)

(2011/C 46/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Appellanti: Stichting Al-Aqsa (rappreżentanti: A.M. van Eik u M.J.G. Uiterwaal, avukati)

Appellati: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Settembru 2010 fil-Kawża T-348/07, sa fejn aggravi u argumenti huma mressqa, fisem l-appellanti, kontra l-motivi ta' din is-sentenza u, permezz ta' deċiżjoni ġdida, tilqa' t-talbiet magħmula mill-appellanti fl-ewwel istanza, flimkien mal-korrezzjoni tal-bażi li fuqha tistrieħ is-sentenza appellata;